MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2015

Numru. 486/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**SPETTUR LUKE BONELLO**

**VS**

**CHARMAINE VELLA**
**(ID Nru.: 525290M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 486/2015**

Illum, 28 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Charmaine Vella, detentrici tal-karta tal-identita` numru 525290 (M).

**Akkuzata talli:**

Nhar id-disgha (9) ta` Marzu, 2015, ghal habta tal-erbgha u kwart ta` filghaxija (16:15hrs) minn gewwa Big Ben Interiors, Triq Naxxar, Birkirkara, serqet *handbag* li kien fih elf u tmien mitt ewro (€1,800) fi flus kontanti, *mobile* tal-ghamla HTC li jiswa erba` mitt ewro (€400), *credit cards* tal-Bank of Valletta u dokumenti personali, ghad-dannu ta` Donna Marie Buttigieg u Christian Buttigieg u/jew persuni ohra.

Akkuzata wkoll talli fit-tmintax (18) ta` April, 2015, bejn id-disgha ta` filghodu u s-siegha nieqsin kwart ta` wara nofs in-nhar (09:00hrs – 12:45hrs) minn gewwa Bo Concept li jinsab fi Vjal ir-Rahan, San Gwann, u/jew mill-vicinanzi serqet portmoni li kien fih ghaxar (10) ewro fi flus kontanti, zewg *credit cards* u *cheque book* u dokumenti personali ohra ghad-dannu ta` Paula Gauci u l-Banif Bank u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

U aktar talli bejn ix-xahar ta` April, 2015, u Gunju, 2015, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe` cekkijiet tal-Banif Bank illi meta gew prezentati rceviet bihom hlas, jew hadet kunsinna ta` oggetti jew gabret depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

Ghamlet falsifikazzjoni f'atti awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet tal-Banif Bank, li jippartjenu lil Paula Gauci, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi , jew billli dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esiztenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b'qerq, ghad-dannu ta` Paula Gauci, Paul Fenech, Sergio Zampa, Dorian Bimbli, Keith Borg, u tal-Banif Bank u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi bi hsara ta` haddiehor, ghamlet xi qliegh iehor b'qerq, liema ammont tal-hsara maghmula hija aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37) ghad-dannu ta` Paula Gauci, Paul Fenech, Sergio Zampa, Dorian Bimbli, Keith Borg, u tal-Banif Bank u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

U aktar talli saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta` Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (c), 267, 279 (a), 284, 18, 167, 183, 184, 308, 309, 310 (1) (a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda

alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputata hatja kif hija akkuzata.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet specjalment ta` Dr. Peter Fenech li jaf personalment lill-imputata ghal zmien twil u spjega lill-Qorti li nonostante li l-imputata hija mara edukata u struwita, hija ghandha problema kbira ta` droga. Huwa tal-fehma li l-imputata ghandha tigi sottoposta ghal programm intensiv.

**Ghal dawn il-motivi:**

Din il-Qorti qiedgha tikkundanna lill-istess imputata ghal perjodu ta` impriggurament effettiv ghal zmien sena (1) mil-llum bl-intediment car illi qed issir rakomandazzjoni qawwija lid-Direttur tal-Habs sabiex minnufih l-imputata titpogga taht kura immedjata fil-habs u meta jkun il-waqt tigi ammessa ghal programm.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------